**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat**
Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00092-2019-9**
**Il-Pulizija**
**(Spettur SARAH MAGRI)**
**Vs**
**Jean Claude Fava (K.I. Nru. 55200L)**

Illum, 29 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli nhar is-17/1/2019 ghal habta ta`10:30pm bil-vettura ROTA MUTUR ġewwa Main Str c/w Convent str,ZABBAR

[1] Soqt, gieghelt, jew hallejt tinstaq fit-triq cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta` mutur, inkluz pedelec, minghajr ma` kienet registrata mal-awtorita` (L.S. 65.26 Artiklu 4 (1))

[2] Soqt, gieghelt, jew hallejt tinstaq fit-triq cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta` mutur, inkluz pedelec, li l-mutur tal-elettriku taghha jipproduci iktar minn 250 watts, minghajr ma’ kienet koperta b’assigurazzjoni għar-riskji ta’ terzi persuni f’konformita’ mad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta’ Terzi Persuni (L.S. 65.26 Artiklu 4A)

[3] Soqt cikletta bil-pedali, li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta` mutur, inkluz pedelec, minghajr ma ssodisfajt lil Awtorita li taf sew xi jghid il-Kodici tat-Traffiku tat-triq permezz ta test teoriku (LS 65.26 Artiklu 5(1)(c))

Semghet ix-xhiedha u fliet id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-akkuzat u tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat illi element fundamentali li jehtieg li jigi sodisfatt sabiex tinstab il-htija fit-tlett akkuzi huwa illi c-cickletta bil-pedali li tahdem bl-ghajnuna ta’ mutur (inkluz *pedelec*) tkun wahda illi **l-mutur tal-elettriku tagħha jipproduċi aktar minn 250 watts**. Din il-htiega

tohrog b'mod car mit-tlett artikoli tal-ligi citati fic-citazzjoni u cioe' l-Artikoli 4(1), 4A u 5(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.26 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi mix-xhiedha ta' PS135 Joseph Buhagiar, Mary Aquilina (rapprezentant tat-*Theory Test Centre)* u r-rapprezentant tal-*Land Transport Directorate* ma' jirrizulta xejn dwar x'kapacita' ghandu l-mutur tal-elettriku tac-cikletta in kwistjoni.

Ikkunsidrat illi mix-xhiedha ta' PS135 Joseph Buhagiar johrog biss illi skond hu fid-data, hin u lok indikati fic-citazzjoni, ra rota minn dawk li "*jaghmlulhom il-muturi*" u li skond hu dawn huma "*illegali*". Ix-xhud mar oltre minn hekk u meta gie mistoqsi x'verifiki ghamel huwa wiegeb sempliciment li "*dawk illegali, la licenzja, la insurance, m'ghandhom xejn kollha. Dawn ir-roti mutur kollha, li ninzerta jien nigbor. Kollha illegali.*" Meta ppressat jghid x'verifiki jaghmlu biex jiccekkjaw li l-magna tal-mutur teccedi l-250 *watts*, l-istess xhud wiegeb illi *"jiena ma naghmilx dan, kif naraha fit-triq dawk, kif narah fit-triq dawn illegali, ghandna ordni ... biex li naraw fit-toroq nigbruhom".*

Ikkunsidrat illi l-imputat ma' ghandu ghalfejn jipprova xejn izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Mill-provi ma' hemm xejn x'jindika tali htija.

**<u>Decide</u>**

**Wara li rat l-akkużi u l-liġi ossia l-Artikoli 4(1), 4A u 5(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.26 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat minn tali akkuzai peress illi dawn ma' jirrizultawx.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur